**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Dicembru 2016**

**Talba Nru: 163/16 CZ**

**W.V. S. (Marketing) Limited**
**(C 6513)**

**vs**

**Cassar Fuel Service Station Limited**
**(C 56102)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-4 ta' Mejju 2016 li permezz taghha qed titlob il-hlas ta' elf, sitt mija u wiehed u ghoxrin Euro u tmin centezmi (€1,621.08) rapprezentanti

merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' intimata u dan kif indikat fil-fatturi hawn annessi u mmarkat Dok. WVS 1 – Dok. WVS 2.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali nmru 140/16 u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' intimate minn issa ngutna ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-30 ta' Mejju 2016, is-socjeta' konvenuta wiegbet:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Illi l-merkanzija mertu tal-kaz giet ikkonsenjata taht il-kundizzjoni esplicita illi l-hlas jsir meta u jekk il-merkanzija tinbiegh u jekk din ma tinbieghx, kellha tigi kkonsenjata lura.

Illi anke meta interpellata, s-socjeta' intimata informat lis-socjeta' attrici sabiex tigbor u tiehu l-konsenja lura ta' l-istess merkanzija u dejjem baqghet propjeta' ta' l-istess socjeta' attrici.

Illi jsegwi illi ma hemm ebda ammont dovut u l-istess socjeta' intimata tinterpella ghal darb'ohra lis-socjeta' attrici ghar-ripreza tal-merkanzija u fin-nuqqas ser ikollha tigi depozitata that l-awtorita' tal-Qorti a spejjez ta' l-istess socjeta' attrici.

B'riseva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal accessorji tal-karozzi li bighhet lis-socjeta' konvenuta, li tiggestixxi diversi pompi tal-fuel.

Illi Chrisotpher Selvagi, direttur tas-socjeta' attrici qal li fil-bidu kienu bdew ibieghu lis-socjeta' konvenuta 'on cash basis', izda aktar tard bdew isiru pagamenti akkont, bl-*invoice*. Il-hlasijiet kienu jsiru mis-socjeta' konvenuta regolarment, kull xahar, u qatt ma kien hemm problem, sakemm saru pendenti zewg ammonti separati li maghduda flimkien jaghmlu dak mitlub fil-kawza odjerna. Qal ukoll illi t-terminu 'on consignment' qatt ma ntuza fin-negozjati mas-socjeta' konvenuta, u dan it-tip ta' arrangament is-socjeta' attrici qatt m'ghamlitu. Fil-fatt matul it-tliet snin li fihom is-socjeta' attrici hadmet mas-socjeta' konvenuta, qatt ma kien hemm credit notes. Qal ukoll illi meta talab il-hlas permezz ta' ittra, is-socjeta' konvenuta rreferiet ghar-'returns policy' li hu mall-ewwel cahad li tezisti.

Illi xehed ukoll John Tanti, *sales representative* tas-socjeta' attrici, li spjega l-procedura kif kien ibiegh, jitqassam l-oggett, u jithallas, minghand is-socjeta' konvenuta. Qal ukoll illi hu qatt ma kien ghadda materjal lis-socjeta' konvenuta 'on consignment'. Mistoqsi jekk kienx fil-fatt ftiehem ma' Mark Cassar, direttur tas-socjeta' konvenuta, illi jekk ma jinbieghux il-filters, dawn kellhom jigu ritornati lura, ix-xhud cahad.

Illi xehed ukoll l-istess Mark Cassar, li qal illi kien sab lis-salesman John Tanti f'wahda mill-petrol stations tas-socjeta' konvenuta. Qal illi lis-salesman kien qallu illi dak li ma

jinbieghx seta' jittiehed lura, u dan id-diskors intqal quddiem zewg impjegati tieghu, George u Edmond.

Illi xehed ukoll Gharz Eddin Wesam illi huwa l-manager li jiehu hsieb l-affarijiet tal-pompi tal-fuel tas-socjeta' konvenuta. Qal li kienu jgibu l-filters mingahnd is-socjeta' attrici bil-kundizzjoni li meta jihduhom dawn ikunu bir-return. L-imghallem tieghu kien iddecieda li jirritorna xi xoghol lura, izda s-socjeta' attrici irrifjutat li tiehdu lura. Stqarr ukoll illi s-salesman tas-socjeta' attrici kien qallu sabiex ma jinkwieta xejn, jekk ikun hemm xoghol li jridu jaghtu lura, setghu ituh. Qal ukoll illi lis-Sur Selvagi ma jafux u qatt ma rah. Qal ukoll illi l-ftehim tan-negozju sar ma' l-imghallem tieghu, u ghal dan il-ftehim, hu ma kienx prezenti.

Illi t-Tribunal jinnota li dan huwa kaz car ta' apprezzament tal-provi iktar milli haga ohra. Fuq naha hemm is-socjeta' attrici li qed tiddikjara illi l-oggetti in kwestjoni setghu jigu ritornati lura, filwaqt li min-naha l-ohra hemm is-socjeta' konvenuta li tghid li dan it-tip ta' arrangament qatt ma hadmet bih, lanqas mas-socjeta' attrici.

Illi jibda biex jinghad illi s-socjeta' attrici qed tibbaza l-allegazzjoni taghha dwar 'returns policy' fuq allegat ftehim li sar mas-salesman tas-socjeta' attrici John Tanti. Ghandu jinghad illi dan is-salesman ma jidhirx li kellu l-poter li jorbot lis-socjeta' attrici f'negozju jew fil-kundizzjonijiet ta' negozju partikolari. Tant hu minnu dan illi meta s-socjeta' konvenuta riedet taqleb is-sistema ta' hlas minn 'on cash basis' ghall-*invoice*, Tanti kien irrikorra ghal Christopher Selvagi bhala d-direttur tieghu u talab l-awtorizzazzjoni tieghu. Isegwi ghalhekk, illi anke jekk dan il-kliem dwar ir-ritorn ta' l-oggetti verament intqal, is-socjeta' attrici ma kienet marbuta bl-ebda mod li teffetwa dan l-arrangament, specjalment ladarba ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni, jew ghall-inqas ir-ratifika, da parti tad-Direttur tas-socjeta' attrici.

Illi jinghad inoltre illi d-Direttur tas-socjeta' konvenuta qal li dan il-ftehim sar quddiem tnejn min-nies ohra mis-socjeta' konvenuta, u cioe' certu George u Edmond. Filwaqt li t-Tribunal jifhem li dan 'George' huwa x-xhud li tela' jixhed fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2016, jibqa' l-fatt illi x-xhud l-iehor ghal dan in-negozju, bl-isem ta' 'Edmond', baqa' ma ttellax sabiex jixhed dwar l-istess.

Illi fir-risposta taghhha, is-socjeta' konvenuta kienet anke accennat ghall-fatt illi kienet ser tiddepozita l-oggetti taht l-awtorita' tal-Qorti kemm-il darba s-socjeta' attrici tibqa' ma tehodhomx lura; it-Tribunal fil-fatt ra li sussegwenement ma sar l-ebda depozitu f'dan is-sens. Kien ikun iktar f'waqtu, ladarba s-socjeta' konvenuta kienet qed tibbaza d-difiza taghha fuq dan il-ftehim ta' ritorn ta' l-oggetti, illi fil-fatt effettivament tghaddi ghad-depozitu ta' l-istess sakemm tinghata decizjoni.

Illi l-fatt hu illi lid-Direttur tas-socjeta' attrici, Christopher Selvagi, la kien jafu Mark Cassar u lanqas il-Manager tal-pompi tas-socjeta' konvenuta. Minn hawn isegwi illi kien improbabbli ghalhekk illi sar il-ftehim tat-tip li qed tallega s-socjeta' konvenuta.

Illi mill-bqija, ma kienx kontestat illi fil-fatt dawn l-oggetti ghaddew fizikament ghand is-socjeta' konvenuta, u li ghalhekk hargu minghand is-socjeta' attrici. Jekk jikkunsira dan, allura, u jara l-fatt illi ma giex pruvat il-ftehim allegat mis-socjeta' konvenuta, it-Tribunal ma jibqaghlu ebda ghazla ghajr li jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt**

**mija u wiehed u ghoxrin Euro u tmin centezmi (€1,621.08), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta, ghajr dawk ta' l-ittra ufficcjali 140/16 li ma gietx esebita.**

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**